PDF Compressor Pro





Aldo Busuttil (xellug) akkumpanjat mill-Orkestra taż-Żgħażagħ University Junior College Orchestra, taħt id-direzzjoni ta' Mro Manuel Pirotta.

# Kunċert ta' Mużika Sagra

Fl-okkażjoni tal-Beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Fondazzjoni JP2, nhar il-Ħadd, 1 ta' Mejju, tellgħet Kunċert ta' Mużika Sagra, fil-Knisja Parrokkjali tas-Salvatur, fl-Għasri, bis-sehem tat-Tenur Aldo Busuttil akkumpanjat mill-Orkestra taż-Żgħażagħ *University Junior College Orchestra*, taħt id-direzzjoni ta' Mro Manuel Pirotta.

Sadattant nhar l-Erbgħa 4 ta' Mejju, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, Mons Isqof Mario Grech, mexxa ċelebrazzjoni ta' radd il-ħajr għall-Beatifikazzjoni tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

Il-Monument li jfakkar fiż-żjara pastorali li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel f'Għawdex nhar is-Sibt 26 ta' Mejju 1990, ġie mżejjen b'għadd ta' fjuri u b'xemgħa min-nies devoti, fosthom Carmel u Antonia Cini u Marija Caruana, lejliet il-beatifikazzjoni tal-Papa, li saret f'Ruma nhar il-Ħadd 1 ta' Mejju. Il-fjuri ġew mogħtija minn residenti oħra fl-istess triq.

Il-Monument li jinsab fi triq imsemmija għall-istess Papa, ġie inawgurat nhar is-26 ta' Mejju, 1991.



Il-Monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II, imżejjen u mixgħul għall-okkażjoni tal-beatifikazzjoni



Waqt il-Kunċert ta' Mużika Sagra fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri

**MINN GĦAWDEX**



*ma'* **Charles Spiteri**



L-istudenti li jattendu l-ewwel sena tal-kors B.Sc Nursing waqt iż-żjara tagħhom fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija

# Ġurnata f'Għawdex

L-istudenti Għawdxin li jattendu l-ewwel sena tal-kors *B.Sc Nursing*, ħadu l-inizjattiva u organizzaw ġurnata Għawdex, għal sħabhom Maltin li jattendu l-istess kors. L-ewwel post li żaru kienet il-Knisja Rotunda tax-Xewkija. Hawnhekk ħadu l-opportunità li jitilgħu fuq nett tal-koppla u jammiraw il-panorama u l-veduta inkredibbli tal-kampanja Għawdxija, bl-għoljiet, widien u villaġġi u anki l-gżejjer imbiegħda ta' Kemmuna u Malta.

L-istudenti, wara żaru ċ-Ċittadella, il-ħabs il-qadim u l-Katidral. Imbagħad irħewla għal Wied il-Għasri, fejn l-istudenti Maltin baqgħu impressjonati bl-għerien li jinsabu fl-inħawi li flimkien mal-baħar kaħlani jagħmlu minn dan il-post wieħed mill-aktar postijiet pittoreski t'Għawdex.

Mal-mixja tagħhom lejn il-bajja tax-Xwejni, l-istudenti setgħu jaraw is-salini, li għadhom jintużaw sa llum. Wara huma telqu ilkoll lejn Daħlet Qorrot, bajja żgħira u trankwilla fin-Nadur. Hawnhekk osservaw xi sajjieda li kienu għaddejjin bil-manutenzjoni tad-dgħajjes u xogħol tax-xbieki tagħhom. Sabu l-ħin ukoll biex jieklu xi ikel tradizzjonali Għawdxi, bħall-ftira tat-tonn u tal-ġbejniet friski.

L-aħħar post li huma żaru kien dak tal-bajja ramlija tal-Ramla l-Ħamra, fejn sabu l-ħin biex jirrilassaw, filwaqt li oħrajn ttantaw li jaqbżu fil-baħar. Din l-attività ġiet ferm apprezzata mill-istudenti Maltin.

Grazzi għal sħabhom l-Għawdxin, l-istudenti Maltin kellhom l-opportunità, għalkemm għal ftit ħin, biex jiskopru aktar u jgawdu t-tradizzjoni li toffri l-Gżira Għawdxija



Uħud minn dawk li żaru l-Istitut għall-Istudji Turistiċi jammiraw ix-xogħol magħmul mill-istudenti

# *Open Day fil-Qala*

L-istitut għall-Istudji Turistiċi fil-Qala fetaħ għal pubbliku bejn in-nofs siegħa ta' wara nofsinhar u s-sitta ta' filgħaxija, il-Ħadd 17 ta' April. Dawk li żaru dan il-post ipparteċipaw fi żjajjar madwar l-Istitut filwaqt li ngħataw ukoll informazzjoni fuq korsijiet li għaddejjin bħalissa u oħrajn li ser jibdew minn Ottubru li ġej. Ir-restorant tal-istitut intuża bħala kafetterija fejn l-istudenti attwali servew ikel li ppreparaw huma stess.


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid
bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju
ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***